MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Numru. 704/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Michael Mallia)**

**v**

**omissis**

**omissis**

**Raymond Brincau ta’ 18-il sena bin Raymond u Rita nee Darmanin, imwieled Pieta’ fis-7/06/1984, u li joqghod Block V, Flat 1, Triq il-Jum, Marsa, detentur tal-karta tal-identita‘ bin-numru 287484 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija omissis, omissis u Raymond Brincau li gew akkuzati talli:

(1) omissis wahdu akkuzat talli fil-Marsa, fis-26 ta' Gunju, 2002 matul il-gurnata kkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom video recorder, satellite receiver mill-fond Flat 2, Block V, Triq il-Jum, Marsa li l-valur taghhom jeccedi l-Lm 100 izda inqas minn Lm 1000 ghad-dannu ta' Joseph Cachia liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

(2) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fl-imsemmi fond liema hsara tiskorri Lm 50 izda anqas minn Lm 500 ghad-dannu ta' l-istess sid u cioe Joseph Cachia.

(3) Raymond Brincau wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lill-awtur omissis fid-delitti hawn fuq imsemmija fl-atti li bihom id-delitti jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew bhala persuna li tkun xewxet lil haddiehor inkella sehhet il-volonta' ta' l-imsemmi omissis sabiex jaghmel id-delitt hawn fuq ic-citat jew weghdet li wara l-fatt tassistih tieqaf mieghu jew tikkompensah.

(4) Filwaqt li Raymond Brincau wahdu akkuzat talli fil-Marsa, fit-8 ta' Dicembru, 2001 f'xi hin filghaxija kkommetta serq ta' video recorder tal-ghamla Samsung, kif ukoll flus kontanti mill-fond Nru. 75, Triq il-Jum, Marsa li l-valur taghhom jeccedu l-Lm 100, izda inqas minn Lm 1000 ghad-dannu ta' Jeffrey Spiteri liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok.

(5) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli fl-imsemmi fond liema hsara tiskorri Lm 50 izda anqas minn Lm 500 ghad-dannu ta' l-istess sid u cioe Jeffrey Spiteri.

(6) Filwaqt li omissis wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghen jew assista lil awtur Raymond Brincau fid-delitt hawn fuq imsemmi fl-att li bih id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat jew bhala persuna li tkun xewxet lil haddiehor inkella sehhet il-

volonta’ ta’ l-imsemmi Raymond Brincau sabiex jaghmel id-delitt hawn fuq iccitat jew weghdet li wara l-fatt tassistih tieqaf mieghu jew tikkompensah.

(7) Omissis wahdu akkuzat talli huwa recidiv b’sentenza tal-Qorti liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

(8) Kif ukoll talli omissis ikkommetta delitt fil-perjodu operattiv tas-sentenza tal-artikolu 5 tal-Kapitlu 152/57 imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, kif ukoll ikkommetta delitt fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti fis-7/09/01.

Rat li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju a fol 18 fil-11 ta’ Dicembru, 2002 u l-Qorti laqghet it-talba.

**Ghaldaqstant din is-sentenza qeghda tinghata fil-konfront biss ta’ Raymond Brincau**.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a fol 27.

Rat l-interrogatorju fejn l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, rat ukoll li f’dan l-istadju wiegeb li ma kienx hati ta’ l-istess (a fol 15).

Rat pero’ li sussegwentement l-akkuzat Raymond Brincau ammetta l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Il-Qorti ghalhekk laqghet it-talba tad-Difiza biex jigi redatt pre sentencing report.

Kien ghalhekk li l-Ufficjal tal-Probation Services pprezenta dan ir-rapport tieghu, immarkat bala Dok CB.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet. Ghldaqstant anke in vista ta’ l-ammissjoni ta’ l-istess Raymond Brincau, qeghda ssibu hati tat-tielet, raba’ u hames akkuza u dan wara li rat l-artikoli 42, 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279, 280, 17, 20, 31 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali aggornata, qieset ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation wara ezami ta’l-istess rapport, qieset l-ammissjoni bikrija, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------